Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija
[Spettur Fabian Fleri]
[Spettur Lydon Zammit]
[Spettur Paul Camilleri]

vs

Gilmore Grima

Kumpilazzjoni Numru: 660/19

Illum, 9 ta' Dicembru, 2019

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Gilmore Grima detentur tal-karta tal-identita` numru 19396M akkuzat:

1. Talli fit-12 t'Ottubru 2019 ghal habta ta' 18:45 Hrs, gewwa Triq Santa Maria Hal Tarxien ikkommetta serq ta' gizirana minn fuq il-persuna ta' Rosaria Desira ta' 65 sena li hija persuna anzjana liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-hin. *Artikoli 257D(1)(b), 261(c)(f), 267, 270, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

2. Talli fis-16 t'Ottubru 2019 ghal habta ta' 16:00 Hrs, gewwa Triq ir-Rinella, Kalkara ikkommetta serq ta' oggetti minn fuq il-persuna ta' Elizabeth Barbara ta' 69 sena li hija persuna anzjana liema serq huwa aggravat bil-valur. *Artikoli 257D(1)(b), 261(c), 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

3. Talli fis-11 t'Ottubru 2019 ghal habta ta' 16:00 Hrs, gewwa l-Kalkara sab oggett illi kien jaf li huwa mitluf u ma irritornahx fi zmien tlitt ijiem lil Pulizija Ezekuttiva *Artikolu 340(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

4. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe' l-Artikoli 257D(1)(b), 261(c), 261(c)(f), 267, 270, 340(c), 49, 50, 289, 383, 384, 385, 412C u 533 tal Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Stante ammissjoni qed issib lill-imputat Gilmore Grima hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal tnax (12)-il xahar prigunerija effettivi kif ukoll Ordni ta' Trattament taht l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal sentejn (2), liema ordni qed tigi annessa ma' din is-sentenza.

Finalment, il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**